MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 248/2002/1

**Avviz Numru 248/02 AJD**
**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Vs**

**Charles Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm58.28) rappresentanti ammont indebitament imhallas mill-attur lill-konvenut bhala ghajnuna socjali ghal disimpjieg.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 2000 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Carmel Azzopardi in rappresentanza tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm58.28), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Ottubru 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**